**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Dicembru 2023**

**Rikors Numru: 163/2021 MLF**

**Attard Bros Construction Materials Limited**

**vs**

**Lara Developments Limited**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' sitt elef sitt mija u tmienja u disghin Euro u sbatax-il centezmu (€6,698.17), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut minnha lis-socjeta attrici fuq kont kurrenti li ghandha mas-socjeta attrici marbut ma' diversi fornituri ta' materjali tal-bini, mibjugha bl-ingrossa u kkonsenjati lilha mis-socjeta attrici, fuq inkarigu taghha stess u dan skond ma jirrizulta mill-istatement anness mar-rikors promotur (Dok. ABCML) u dan prevja, okkorrendo kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna;

   Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 3165/2020 ipprezentata fir-registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fit-18 ta' Dicembru 2020 fl-istess ismijiet u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju

prezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontestwalment fl-istess ismijiet u bl-imghax legali mill-4 ta' Marzu 2020 sad-data tal-effettiv pagament.

2. Rat li s-socjeta konvenuta ma dehritx ghalkemm kienet debitament notifikata, u mill-atti lanqas jirrizulta li pprezentat risposta.

3. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri, u d-dokumenti ipprezentati.

4. Semghet ix-xhieda ta' Denis Gravina, *credit control executive* tas-socjeta attrici fis-seduta tat- 22 ta' Frar 2023 fejn ikkonferma li l-ammont ta' sitt elef sitt mija u tmienja u disghin euro u sbatax-il centezmu (€6,698.17) ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta konvenuta.

5. L-istess xhud ezebixxa d-dokumenti relattivi ghal dan id-dejn, u spjega fid-dettal in-natura ta' dan id-dejn.

6. Rat li l-konvenuti baqghu ma ressqux provi.

7. Il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Dennis Gravina u d-dokumenti minnu ezebiti.

8. Fir-rikors promotur, is-socjeta attrici qed titlob ukoll l-interessi mill-4 ta' Marzu 2020. Pero mid-dokument Dok ABCML ezebit mar-rikors promotur, u mid-dokumenti ezebiti mix-xhud Dennis Gravina jirrizulta li l-ammont ta' €6,698.17 huwa dovut ghal diversi konsenji ta' materjal konsenjati lis-socjeta konvenuta f'diversi granet differenti bejn l-4 ta' Marzu 2020 u is-16 ta' Lulju 2020, u ghalkemm dan hu dejn kummercjali, ma jistghax jinghad li l-imghax fuq l-ammont kollu hu dovut mill-4 ta' Marzu 2020. L-istatement of account anness mar-rikors promotur u li jikkontjeni l-konsenji kollha maghmula jgib id-data tas-16 ta' Dicembru 2020, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-imghax ghandu jibda jiddekorri minn din id-data.

**Konkluzjoni**

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tilqa’ limitatament it-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ sitt elef sitt mija u tmienja u disghin Euro u sbatax-il centezmu (€6,698.17) lis-socjeta attrici, flimkien mal-imghax legali dovut mis-16 ta’ Dicembru 2020 sad-data tal-hlas effettiv.

10. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 3165/2020 mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**